**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2004**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| IR-RABA' KLASSI | MALTI | ĦIN: Sagħtejn |
|---|---|---|

**Isem:** ______________________ **Klassi:** ______________

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub.**
2. **Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**

---

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 20 | 4 | 10 | 6 | 30 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________

______________________

______________________

______________________

______________________

**TEST GĦALL-ISTĦARRIĠ**

***Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.***

# *Sena Ewropea tal-Persuni b'Diżabilità*



L-Unjoni Ewropea ddikjarat is-sena 2003 bħala s-Sena Ewropea tal-Persuni b'Diżabilità u stiednet lill-membri tagħha u lill-pajjiżi applikanti biex jieħdu l-miżuri kollha ħalli din is-sena tilħaq l-għanijiet li għalihom qiegħda ssir. (*par. 1*)

Persuna b'diżabilità hija persuna li għandha xi nuqqas fiżiku jew mentali li jillimita xi funzjoni vitali tagħha. Per eżempju, min ikun nieqes mid-dawl, jew mis-smigħ, jew ikollu xi anormalità fiżika jew mentali, huwa meqjus bħala persuna b'diżabilità. Persuna b'diżabilità tista' titwieled hekk jew inkella ssir hekk maż-żmien minħabba xi marda jew xi inċident. (*par. 2*)

Matul dawn l-aħħar tletin sena rajna iżjed titjib sostanzjali fil-kwalità tal-ħajja tal-persuni b'diżabilità. Minkejja dan il-fatt għadhom jeżistu fostna ħafna individwi li jaħbu d-diżabilità tagħhom, ta' wliedhom, jew ta' xi membru ieħor tal-familja tagħhom. Forsi dan jiġri minħabba l-biża', il-mistħija jew l-istigma li dawn iħossu li għadhom assoċjati mad-diżabilità. (*par. 3*)

F'pajjiżna l-pijunier li ħadem kemm felaħ biex titneħħa din l-istigma dwar il-persuni b'diżabilità u li fetaħ id-Dar tal-Providenza biex dawn il-persuni ma jibqgħux moħbija anzi jingħataw l-għajnuna li jinħtieġu, kien il-mibki Mons. Mikiel Azzopardi. Mindu huwa beda l-ħidma tiegħu fis-snin 60 sa llum, sar ħafna progress. Inħolqu għadd ta' għaqdiet tal-persuni b'diżabilità, inħolqot il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità, u għaddiet il-liġi dwar Opportunitajiet Indaqs li l-għan tagħha huwa li tagħti lil persuni b'diżabilità l-istess drittijiet li jgawdi kull ċittadin ieħor fil-qasam soċjali, edukattiv, rikreattiv u dak tax-xogħol. (*par. 4*)

**(Addattat minn *Familjakana,* Frar 2003)**

| **A. FEHIM IT-TEST** | (10 marki) |
|---|---|

1. Min iddikjara s-sena 2003 bħala s-Sena Ewropea tal-Persuni b'Diżabilità? (*par. 1*)

_______________________________________________ (marka)

2. X'kellhom jagħmlu l-pajjiżi membri u l-pajjiżi applikanti matul din is-sena? (*par. 1*)

_______________________________________________

_______________________________________________ (marka)

3. Min hu meqjus bħala persuna b'diżabilità? (*par. 2*)

_______________________________________________ (marka)

4. Agħti eżempju ta' bniedem meqjus bħala persuna b'diżabilità. (*par. 2*)

_______________________________________________ (marka)

5. X'ġara matul l-aħħar tletin sena f'Malta fil-qasam tal-persuni b'diżabilità? (*par. 3*)

_______________________________________________ (marka)

6. Kif nafu li dan it-tibdil ma laqatx lil kulħadd? (*par. 3*)

_______________________________________________

_______________________________________________ (marka)

7. Min kien dak il-Malti li ħadem bi sħiħ favur il-persuni b'diżabilità? (*par. 4*)

_______________________________________________ (marka)

8. Semmi żewġ affarijiet li għamel dan il-bniedem għal dawn il-persuni. (*par. 4*)

(a) _______________________________________________

(b) _______________________________________________ (2 marki)

9. X'inhu l-iskop tal-Kummissjoni għal Opportunitajiet Indaqs? (*par. 4*)

_______________________________________________

_______________________________________________ (marka)

| **B. GĦARFIEN IL-LINGWA** | (20 marka) |
|---|---|

## GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA

1. Il-verb **titwieled** (*par. 2*) hu verb tas-**sitt forma**. Ta' liema forma huma l-verbi li ġejjin: (a) **kisser** - _________ forma; (b) **bierek** - __________ forma. (2 marki)

2. Agħmel (**X**) fejn it-tajba:
Il-verb **'iħossu'** (*par. 3*) hu verb: (a) sħiħ ___ ; (b) dgħajjef ___ ; (ċ) trux ___. (marka)

3. Imla bil-**parteċipju passiv** skond il-verb li għandek ħdejn il-vojt. (Ara l-eżempju.)

(a) Dari, bniedem b'diżabilità kien bniedem ***minsi*** (nesa) mis-soċjetà.

(b) Is-sena 2003 kienet _____________ (iddedika) lill-persuni b'diżabilità.

(ċ) Id-Dar tal-Providenża hi _________ (ħaseb) biex tilqa' fiha persuni b'diżabilità.

(d) Mons. Mikiel Azzopardi baqa' _________ (għaraf) għall-qalb tajba tiegħu. (3 marki)

4. Uri x'tip ta' **avverbji** huma dawn li ġejjin:
hekk (*par. 2*), iżjed (*par. 3*), llum (*par. 4*)

| L-Avverbju | X'tip hu |
|---|---|
| (i) | Dan hu avverbju li juri **żmien.** |
| (ii) | Dan hu avverbju li juri **mod.** |
| (iii) | Dan hu avverbju li juri **kwantità.** |



(3 marki)

5 Sib minn **paragrafu 3** dawn li ġejjin, u ikteb fil-kaxxa l-vojta:

| | |
|---|---|
| (a) partiċella marbuta ma' l-artiklu | |
| (b) partiċella mqassra | |
| (ċ) verb irregolari | |

(3 marki)

**LESSIKU / VOKABULARJU**

6. Agħti kelma oħra flok: (a) **persuni** (*par. 1*) - ____________________

(b) **għanijiet** (*par. 2*) - ____________________ (2 marki)

7. Sib mit-tielet paragrafu kelma li tfisser **timbru** : __________________ (marka)

8. Immarka (**X**) fejn meħtieġ. (marka)
Il-kelma **membri** (*par. 1*) hi ta' nisel:
(a) Semitiku___ , (b) Rumanz___ , (ċ) Anglo-Sassonu___ .



**ANALIŻI TESTWALI**

9. Il-pronom ***hom*** fil-kelma **għalihom** (*par. 1*) qed jirreferi għall- ____________ (marka)

10. Il-kelma ***tiegħu*** (*par. 4*) għal min qed tirreferi ? ________________________ (marka)

**SINTASSI**

11. Ikteb din is-sentenza mod ieħor bla ma tibdel it-tifsira tagħha.
***Bniedem li ħadem bi sħiħ għall-persuni b'diżabilità kien Mons. Mikiel Azzopardi.***

Mons Mikiel Azzopardi ____________________________________________________

_______________________________________________________________. (2 marki)

| **Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI** (4 marki) |
|---|

**IDJOMI U QWIEL**

**(i) Fisser fi kliemek dawn il-qwiel**
(a) Aħjar bl-aptit inkella bit-tabib: ____________________________________________

(b) Il-mistoqsija oħt il-għerf: ________________________________________________

**(ii) Sib żewġ idjomi minn dawn is-sentenzi u iktibhom fil-kaxxi ta' taħt.**
Clint kien raġel ibigħ is-saħħa, imma ħa riħ u marad. Oħroġ il-għaġeb, tajjar flusu kollha imma ma fieqx u saħħtu baqgħet sejra lura sa spiċċa biex mar id-dinja l-oħra.

| | |
|---|---|
| (a) | (b) |

| D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV | (10 marki) |
|---|---|

**Agħżel waħda minn (a) u (b) u ikteb madwar 60 kelma**.

(***a***) Il-kunsill lokali ta' Ħal Muxi qiegħed iniedi partita futbol bejn it-tim tar-raħal u dak ta' Ħal Dwin biex jinġabru l-flus għal Dar il-Kenn, dar fejn jgħixu numru ta' persuni b'diżabilità. Bħala segretarju / segretarja tal-kunsill, int intlabt biex tikteb avviż għall-gazzetti. Tinsiex issemmi l-post, id-data u l-ħin li fihom se ssir l-attività.

**JEW**

(***b***) Peter il-Mango, sieħeb Simon ir-Raggae, kien inqabad bid-drogi wkoll. Il-Maġistrat Borg Bonnici kien ikkundannah jagħmel xahar xogħol volontarju f'Dar il-Kenn ta' Ħal Muxi. Bħala s-segretarju / segretarja ta' Dar il-Kenn, int ġejt mitlub/a tikteb rapport dwar il-ħidma ta' Peter il-Mango f'din id-dar.



______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

| E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI | (6 marki) |
|---|---|

Ikteb **6 punti** dwar xi tiftix li għamilt fil-proġett **L-Oqsma tal-Għerf tal-Kultura Maltija**.

✍ ____________________________________________________________

✍ ____________________________________________________________

✍ ____________________________________________________________

✍ ____________________________________________________________

✍ ____________________________________________________________

✍ ____________________________________________________________

| F. LETTERATURA | (30 marka) |
|---|---|

**(i) QAWSALLA : Il-Familja**

## Sentiment

Ibki binti,
ħa nerfgħek u nħaddnek
u ngħannqek u nfissdek,
immellsek u nbennek.

Ibki, binti,
biex tfisser trid tiekol
u tixrob,
u tilgħab bil-pupa
jew tgħidli qed tibża'
mid-dlam u mill-ġganti.

Għad tikber u tibki dmugħ ieħor
ta' waħx u ta' diqa
fis-skiet ta' dinjietek

bla ħadd min ifarrġek
u jħaddnek u jgħannqek
u jmellsek u jbennek.



**PHILIP SCIBERRAS**

1. Immarka (**X**) fejn ir-risposta t-tajba. L-ewwel strofa ta' din il-poeżija tissejjaħ:

(a) terzina _____, (b) kwartina ______, jew (ċ) ottava _______. (marka)

2. Sib metafora mit-tielet strofa: ________________________________________ (marka)

3. X'jissejjaħ il-vers li bih hi mibnija l-aħħar strofa? _________________________ (marka)

4. Ikteb fi kliemek dak li qiegħed jgħid il-poeta f'din il-poeżija.

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

(3 marki)

**(ii) QAWSALLA : Il-Protesta** (14-il marka)

Il-poeżiji *Jum ir-Rebħ* ta' Rużar Briffa u *San Niklaw* ta' Joe Friggieri, u s-siltiet *Ir-Ribelli* ta' Joe J. Camilleri u *Malta Ġenna ta' l-Art* ta' Ġużè Ellul Mercer kollha qegħdin jipprotestaw kontra xi ħaġa. Agħżel **tnejn** u ikteb madwar **30 kelma** fuq il-protesta li turi kull waħda minnhom.

(a)____________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

________________________________________________________(7 marki)

(b)____________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

________________________________________________________(7 marki)

**(iii) PROŻA / DRAMM** (10 marki)

Agħżel **waħda biss** u ikteb daqs **60 kelma** dwarha fuq karta separata.

1. Iddeskrivi fi kliemek kif kien l-isqaq li fih kienu jgħixu l-karattri tar-rumanz **L-Isqaq** ta' Ġużè Chetcuti.
2. Spigolò, Romilda, Stejfen, omm Stejfen, Menu u l-Konti huma wħud mill-karattri li għexu fl-isqaq. Agħżel tnejn minn dawn u tkellem dwarhom.
3. Fid-dramm **Satira**, l-astronomu fl-aħħar isir bekkamort li jidfen il-mejtin. Għid kif u għaliex iseħħ dan.
4. Xi jrid jurina Oreste Calleja bil-karattri tal-bidillu u ta' l-iskrivan fid-dramm **Satira**?

**Ġ. KOMPONIMENT** (20 marka)

**Agħżel <u>wieħed</u> u ikteb madwar 300 kelma fuq karta separata.**

1. Il-persuna b'diżabilità hi persuna daqs ħaddieħor. Ikkummenta.
2. X'nixtieq li jsir fir-raħal jew fil-belt fejn ngħix biex il-ħajja tal-persuni b'diżabilità tkun aktar faċli għalihom.
3. Qalulna li fil-klassi tagħna kien/kienet ġej/ja student/a ġdid/a. Sibna li kien/et f'siġġu tar-roti. Irrakkonta x'ġara.
4. Dakinhar, allaħares ma kontx hemm, nagħti daqqa t'id. . . . .
5. Għaqda li nagħmel parti minnha jew li nixtieq insir membru tagħha.